MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2014

Numru. 587/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Massimo Grixti**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Massimo Grixti detentur tal-karta tal-identita` numru 478189(M).

Akkuzat talli:

1. Talli nhar it-2 ta' Awwissu 2013 ghall-habta tas-sitta u nofs ta' fil-ghaxija (18:30) u is-sebgha ta' fil-ghaxija (19:00) minn gewwa vettura tal-ghamla Hyundai i10 bin-numru tar-registrazzjoni ZMP005 illi kienet ipparkjata gewwa Triq l-Ifran kantuniera ma Triq Santa Lucija Valletta ikkommetta serq ta' erbat'elef (4,000) Euro fi flus kontanti ghad-dannu ta' Stefano Zampa, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bin-natura tal-haga misruqa:
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe` ghamel hsara f'vettura tal-ghamla Hyundai i10 bin-numru tar-registrazzjoni ZMP005 liema hsara hija ta' aktar minn mija u sittax Euro u sebgha u erbghin Euro centezmu (€116.47) u dan ghad-detriment ta' Stefano Zampa
3. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti pprezentati;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 49, 50, 261(b), (c), (g), 263(a), 267, 271(g), 278(3) u 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni u l-konferma ta' tali ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih wara li gie moghti z-zmien opportun sabiex jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Massimo Grixti hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante li t-tieni akkuza hija kompriza f'ta l-ewwel, tikkundannah ghal perijodu ta' sena (1) prigunerija.

Inoltre, tirrakkomanda li l-imputat jinghata kull facilita` sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------